# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spetturi Fabian Fleri u Kevin Pulis)**

**vs**

**Imputat**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet miġjuba kontra **Imputat** detentur tal-karta tal-identita' numru omisis fejn ġie akkużat talli fit-3 t'April 2015 għall-ħabta ta' bejn is-14:00 u l-22:00 mill-Fabbrika bl-isem ta' Playmobil, li tinstab fil-qasam industrijali ta' Ħal Far, ikkommetta serq ta' diversi oġġetti elettroniċi liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-€2329.37, bil-persuna u bil-ħin għad-detriment tad-diriġenti tal-istess kumpanija u dan bi ksur tal-Artikoli 261(b)(c)(d), 263(a), 267, 268(d), 270 u 278(3) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li matul is-seduta tat-2 ta' Diċembru 2015 l-Uffiċjal Prosekutur Fabian Fleri ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament tiegħu.

Rat li matul l-istess eżami tal-imputat ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu dottor Mark Vassallo tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu fis-sens li jekk itenni l-ammissjoni tiegħu huwa kien ser jiġi misjub ħati u l-Qorti tgħaddi biex timponi l-piena spettanti skont il-Liġi li tista tkun waħda ta' priġunerija jew xi piena oħra stabbilita bil-Liġi. Wara li tagħtu żmien biżżejjed sabiex jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura mill-ammissjoni reġistrata minnu, fil-presenza tal-konsulent legali tiegħu, l-imputat wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

Il-Qorti fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija m'għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssib lill-imputat ħati.

Rat id-digriet tagħha li permezz tiegħu ordnat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex iħejji rapport verbali ai termini tal-Artikoli 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li matul is-seduta tat-3 ta' Frar 2016 il-Probation Officer Anabel Bugeja ippreżentat ir-rapport tagħha minn fejn jirriżulta li l-imputat kien kandidat idoneju sabiex iwettaq ordni ta' servizz fil-komunita'.

Semgħet ukoll lill-Avukat Difensur jiddikjara illi minbarra r-riżultanzi pożittivi li jirriżultaw mir-relazzjoni tal-Uffiċjal tal-Probation, inkluż il-fatt li l-ħati għandu ħajja stabbli, m'għandux vizzji kif ukoll li illum għandu impjieg stabbli ma' kumpanija privata li qegħda tgħinu jagħmel progress sostanzjali f'ħajtu, kif ukoll in vista tal-partikolarita' ta' isem l-imputat il-pubblikazzjoni tal-isem tal-imputat ikollha konsegwenzi serji fuq l-impjieg tal-imputat għaliex hekk kif ismu jiġi mxandar huwa fatt skontat li jiġi mkeċċi mill-impjieg tiegħu u jsib żgur diffikulta serja li jsib impjieg ieħor. Dan il-fatt ma jkunx ta' ġid għall-imputat li minbarra li sogħob bih tal-akkadut jispiċċa li ma jkollux impjieg onest biex ikun jista' jimxi l-quddiem f'ħajtu.

Semgħet ukoll lill-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Fabian Fleri jiddikjara li huwa kien jaf li bħala fatt il-kumpanija li jaħdem magħha l-ħati għandha policy li hekk kif tkun taf li impjegat ikun ġie misjub ħati minn Qorti ta' kriminali ġudikatura din ittemmlu l-impjieg b'effett immedjat.

Semgħet ukoll ix-xiedha ta' Robert Cauchi, rappreżentant ta' Playmobil fejn huwa ddikjara li l-kumpanija kienet irċeviet il-valur tar-res furtiva li kien jammonta għas-somma ta' tliet elef u seba' mitt euro.

*Ikkunsidrat : -*

In vista tal-ammissjoni imtennija tal-imputat għall-imputazzjoni miġjuba kontrih kif speċifikati aktar 'il fuq, il-Qorti ma għandhiex alternattiva għajr li ssib lil imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Il-Qorti tifhem li jista' jkun veru li dan il-każ tnissel minn mument ħażin li ħakem lill-imputat. Pero l-istess Qorti ma tistax tinjora l-fatt li l-imputat tradixxa l-fiduċja ta' dawk li kienu jtuh ix-xogħol li minnu kien jaqla' l-ħobża ta' kuljum tiegħu. Mill-banda l-oħra l-imputat għandu l-fedina penali netta. Il-Qorti qieset ukoll ir-relazzjoni pożittiva tal-Uffiċjal tal-Probation Anabel Bugeja.

Din il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ l-imputat għandu jpatti għal egħmilu mhux biss billi radd lura lid-derubati l-valur fi flus tal-oġġetti kollha li seraq u dan stante li l-gravita ta' dak li wettaq jimmerita sentenza ta' priġunerija, li f'dan il-każ pero ser tkun imposta fil-forma sospiża tagħha.

Iżda fiċ-ċirkostanzi tal-każ, tenut kont tal-ammissjoni bikrija nonche tal-fedina penali netta, tal-koperazzjoni tiegħu mal-Pulizija, kif ukoll mas-sogħba pruvata tiegħu murija wkoll mill-ħlas lura lid-derubati tal-valur tar-res furtiva, din il-Qorti tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikun aktar aħjar għas-soċjeta u l-imputat li huwa jkompli jaħdem u jibni ħajtu bbażata

fuq xogħol onest u b'mod li għalhekk ma jkollux għalfejn iħalli t-tentazzjoni tagħmih u jirrikorri għas-serq jew delinkwenza oħra biex jottjeni l-flus biex bihom jgħix.

Mill-banda l-oħra huwa meħtieġ pero li l-ħati jifhem kemm huwa ħażin dak li għamel u li għalih issa jrid iħallas lis-soċjeta' li huwa offenda bir-reati tiegħu billi, jirrendi ruħu soċjalment utli u jagħmel għadd twil ta' siegħat ta' xogħol lil min hu fil-bżonn mingħajr ma jitħallas tiegħu; u fl-istess ħin ma jkunx ta' aktar piż fuq is-soċjeta.

Illi in kwantu għat-talba tal-imputat sabiex ismu ma jiġix imxandar fil-mezzi tal-istampa, għar-raġunijiet imsemmija mid-Difiża u kif maqbul ukoll mill-Uffiċjal Prosekutur tqis li fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, il-kriterja ta' kemm huwa strettament meħtieġ li ssir ir-restrizzjoni tal-pubbliċita' u kemm din il-miżura tkun proporzjonata, ġew soddisfatti u dan ukoll fid-dawl sabiex l-għanijiet aħħarija ta' din is-sentenza u tal-piena inflitta jkunu jistgħu jintlaħqu b'suċċess. Għalhekk tilqa' t-talba u tordna d-divjet fuq il-pubblikazzjoni ta' isem il-ħati fil-mezzi kollha tal-istampa.

***<u>DECIDE</u>***

Li wara li rat l-Artikoli 261(b)(c)(d)(f), 263(a), 264(1), 267, 268(d), 278(2)(3), 280(2) tal-Kodiċi Kriminali, qegħda ssib lil **Imputat**, fuq l-ammissjoni tiegħu stess, ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih.

Kwantu għall-piena l-Qorti wara li rat l-Artikoli 28A(1), 28B, 28G u 28H tal-Kodiċi Kriminali qegħdha tikkundanna lill-ħati għall-piena ta' ħmistax il-xahar priġunerija iżda tordna li din is-sentenza in kwantu għal piena ta' priġunerija m'għandhiex tibda' sseħħ ħlief jekk matul il-perjodu ta' sentejn mill-lum l-imputat jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija u dan wara li l-Qorti kompetenti tkun ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali ordnat li din is-sentenza għandha tiġi fis-seħħ.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti spjegat bi kliem li jinftiehem lill-ħati r-responsabbilita tiegħu mnissla mill-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali fil-każ li huwa jikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 28G(1) tal-Kodiċi Kriminali qegħda b'żieda mal-piena aktar il-fuq inflitta tagħmel ordni ta' superviżjoni (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ordni ta' superviżjoni") li permezz tagħha tqiegħed lill-ħati taħt is-superviżjoni t'uffiċjal sorveljanti għal perijodu ta' sena millum.

Il-Qorti fissret lill-ħatja bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' superviżjoni kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor matul il-perjodu operattiv tas-sentenza mogħtija lilu illum nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' superviżjoni bid-digrieti ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur

tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal Sorveljanti biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-hati.

L-Uffiċjal Sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 28G(1A) tal-Kodiċi Kriminali, b'żieda mal-ordni ta' supervizjoni hawn fuq imsemmija, wara li rat l-Artikoli 2, 7, 11 sa' 14 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tqiegħed lill-ħati taħt ordni ta' servizz fil-komunita bil-kundizzjoni li jagħmel xogħol bla ħlas għal mitt siegħa f'dak il-post u b'dawk l-arranġamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u bil-kondizzjonijiet kollha l-oħra imsemmija fid-digriet hawn anness.

A tenur tal-Artikolu 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara wkoll li qabel ma emanat tali ordni, hija kienet fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' servizz fil-komunita kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor huwa, jista jingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.

Ai termini tal-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' servizz fil-komunita bid-digriet ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole, lill-Uffiċjal Sorveljanti

assenjat lill-ħati kif ukoll lill-awtoritajiet responsabbli mis-sorveljanza tat-twettieq tal-ordni hawn fuq imsemmi.

A tenur ta' u wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qegħda tikkundanna lill-ħati wkoll għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk tal-esperti maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta u dan fl-ammont li sad-data ta' din is-sentenza kienu jammontaw għas-somma ta' mitejn sebgħa u tletin euro sebgħa u tletin ċenteżmi (€237.27).

Finalment il-Qorti tordna li *ai termini* tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proċeduri u kopja ta' din is-sentenza jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien mogħti mil-Liġi.

Għar-raġunijiet suesposti, l-Qorti tordna d-divjet fuq il-pubblikazzjoni ta' isem il-ħati fil-mezzi kollha tal-istampa.

***Mogħtija illum is-17 ta' Frar 2016 fil-Bini tal-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**ORDNI TA' SERVIZZ FIL-KOMUNITA'**

(MAGĦMUL SKONT L-ARTIKOLU 11 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)

*Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Illum: 17 ta' Frar 2016**

**Il-Pulizija**

**(Spetturi Fabian Fleri u Kevin Pulis)**

**vs**

**Imputat**

Il-Qorti,

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita'u billi b'sentenza mogħtija llum, fl-ismijiet fuq premessi, **Imputat** detentur tal-karta tal-identita' numru 296487M ġie misjub ħati kif imfisser fl-istess sentenza u ġie mpoġġi taħt Ordni ta' Servizz fil-

Komunita' ai termini tal-Artikoli 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li fissret lill-ħati bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita' (inklużi l-kundizzjonijiet addizzjonali speċifikati hawn taħt skont l-Artikoli 11 u 18 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta) u illi jekk jonqos li jħares din l-Ordni jew jagħmel xi reat iehor sakemm dan l-Ordni jibqa' fis-seħħ ikun jista' jiġi kkundannat għar-reat li għalih qed jiġi magħmul din l-Ordni, u illi l-ħati wera' li jrid iħares il-kundizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita';

Għalhekk, tordna li l-ħati **Imputat** detentur tal-karta tal-identita' numru omissis u residenti omissis, jagħti **mitt (100) siegħa xogħol/servizz fil-komunita'** li jiġi assenjat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole liema xogħol/servizz għandu jsir taħt is-sorveljanza ta' Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita' taħt dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta' servizz fil-komunita', il-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita', jirraporta lil u jżomm dak il-kuntatt regolari u mitlub mill-uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita' maħtur lilu u jwettaq l-istruzzjonijiet kollha maħruġa lilu skont il-ħtieġa tal-każ u s-sitwazzjoni.
2. Li matul il-perjodu ta' servizz fil-komunita', il-ħati għandu jirraporta lill-awtoritajiet rilevanti minn żmien għal żmien skont l-istruzzjonijiet maħruġa lilu mill-Uffiċjal tal-*Probation*;

3. Li jwettaq b'mod soddisfaċenti dawk is-siegħat kollha ta' xogħol siewi fil-Komunita f'dawk il-ħinijiet u għal tul ta' dak iż-żmien kif speċifikat aktar 'il fuq;
4. L-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita' maħtur għal dan l-iskop għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt xhur;
5. Il-ħati għandu javża immedjatament lill-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita' b'kull bdil li talvolta jagħmel fl-indirizz residenzjali tiegħu jew impjieg, kemm temporanju kif ukoll permanenti lill-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita';
6. Li għandu jżomm ruħu f'kuntatt mal-uffiċjal għas-Servizz fil-Komunita' skont id-direttivi li jagħtih minn żmien għall-ieħor l-istess Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita'; u partikolarment li huwa għandu, jekk l-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita' ikun hekk irid, jirċievi żjarat tal-istess Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita';
7. Il-ħati għandu jiffirma l-formola ta' ftehim ta' xogħol ta' servizz fil-komunita';

**TORDNA** li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur inkarigat mill-Uffiċċju tal-*Probation Services u Parole* ai termini tal-Artikolu 11(5) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

***F'każ li dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux segwiti, issir denunzja, mill-Uffiċċjal għas-Servizz fil-Komunita' quddiem il-Qorti kompetenti.***

**(firma tal-persuna mqiegħda taħt l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita')**

*Doris Serpina*

**Deputat Registratur**

***Aaron M. Bugeja***

***Maġistrat.***

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**ORDNI TA' SUPERVIŻJONI**

*(MAGĦMUL SKONT L-ARTIKOLU 28Ġ TAL-KODIĊI KRIMINALI)*

***Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)***

**Illum: 17 ta' Frar 2016**

**Il-Pulizija**

**(Spetturi Fabian Fleri u Kevin Pulis)**

**vs**

**Imputat**

Il-Qorti,

Billi b'sentenza mogħtija llum fl-ismijiet premessi, **Imputat** ġie misjub ħati kif imfisser fl-istess sentenza u wara li kkunsidrat li jkun xieraq li

jsir dan l-Ordni ta' Superviżjoni l-ħati ġie mpoġġi taħt Ordni ta' Superviżjoni ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9).

Wara li fissret lill-ħati bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' Superviżjoni (inklużi l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taħt skont s-subartikolu (3) tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446) u nnutat li l-istess ħati wera li jrid iħares il-ħtiġiet tal-istess Ordni;

**Tordna** li **Imputat** detentur tal-karta tal-identita' numru omisis u residenti omisis ikun għal perjodu ta' sena millum taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal ta' Supervizjoni taħt dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul dan il-perjodu, il-ħati jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi <u>kollha</u> tal-uffiċjal sorveljanti kif ukoll, jekk ikun il-każ, biex il-ħati jieħu l-*counselling* li jista' jkun meħtieg minn żmien għal żmien sabiex jevita, fost affarijiet oħra li jerġa jikkommetti reati fil-ġejjieni.

2. Li l-ħati jibqa' f'kuntatt mal-uffiċjal sorveljanti skont dawk l-istruzzjonijiet li jista' minn żmien għal żmien jingħata mill-imsemmi uffiċjal, u li javża lill-imsemmi uffiċjal b'kull tibdil fl-indirizz tiegħu;

3. Li jirċievi viżiti mill-uffiċjal sorveljanti ġewwa r-residenza tiegħu jew f'kull post ieħor li jiffrekwenta skont id-direttivi tal-istess uffiċjal sorveljanti;

4. L-uffiċjal sorveljanti għandu/ha jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti mhux anqas minn darba kull sitt xhur dwar l-imġieba tal-ħati.

**TORDNA** li kopja ta' dan l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u lill-Uffiċjal Sorveljanti.

……………………………………

**Imputat**

……………………………………..

*Doris Serpina*

**D./Registratur**

***Aaron M. Bugeja,***

***Maġistrat.***